MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 252/2003

**Il-Pulizija**
**Supritendent Carmelo Bartolo**

**VS**

**Generoso Sammut, iben il-mejjet Carmelo u Josephine nee' Attard, imwieled Tal Pieta' nhar l-24 ta' Frar, 1954, residenti fil-fond numru 56, Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' numru 203454M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Generoso Sammut** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00 ta' filghodu, fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, bil-hsieb illi joqtol jew li jqieghed il-hajja tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey

Gerada f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi spara tir ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, liema offiza ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn tal-offiz li giet maghmula b'arma regolari u cioe' arma tan-nar;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt illi kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, u cioe' lis-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, waqt illi kienu jaghlmu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb illi jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli f'Bugibba, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filghaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filghodu tal-24 ta' Frar, 2003, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom dokumenti u flus, minn Granny's Bar and Restaurant, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-mezz, kif ukoll bil-hin, ghad-dannu ta' John Zammit mis-Swieqi;

6. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

7. U aktar talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn il-5.00 ta' filghaxija tat-23 ta' Frar, 2003 u l-4.00 ta' filghodu tal-24 ta' Frar, 2003, waqt illi kien fil-Granny's Bar and Restaurant f'Bugibba, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma kinitx tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma kienet izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), u li saret ghad-detriment ta' John Zammit is-Swieqi;

8. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, ittanta jhajjar ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' lill-Kuntistabbli Kevin Curmi sabiex jonqos illi jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

9. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00am, waqt illi kien fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, fil-hin illi kien qed jagheml delitt kontra l-persuna, u cioe' tentattiv ta' omicidju tas-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerada, jew id-delitt ta' serq jew ta' hsara lil proprjeta', kif ukoll fil-hin illi kien qed jigi arrestat ghall-ghemil ta' xi delitt, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

10. U aktar talli nhar l-24 ta' Frar, 2003, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awteniku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi, wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

11. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wahda mid-dokumenti u cioe’ licenzja falsifikata mahruga fuq il-vettura bin-numru AAF194 f’isem Jonathan Balzan minn Hal Safi;

12. U aktar talli nhar l-24 ta’ Frar, 2003, f’dawn il-Gzejjer, saq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni AAA551 meta ma kellux licenzja rinnoata ghas-sena kurrenti 2003;

13. U aktar talli nhar l-24 ta’ Frar, 2003, f’dawn il-Gzejjer, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAA551 meta ma kinx kopert b’polza ta’ sigurta’ dwar riskji ghal terzi persuni;

14. U aktar talli nhar l-24 ta’ Frar, 2003, ghall-habta tal-4.00 ta’ filghodu, waqt illi kien il-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe’ s-Surgent tal-Pulizija Jeffrey Gerdada u l-Kuntistabbli Kevin Curmi, jew ma hallihx jew fixklu waqt illi kien ghamel id-dmirijiet tiehgu, jew b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-Ligi jew b’xi mod iehor li jkun;

15. U aktar talli nhar l-24 ta’ Frar, 2003, ghall-habta tal-4 ta’ filghodu, waqt illi kien il-Qawra fil-limiti ta’ San Pawl il-Bahar, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha;

16. U finalment talli nhar l-24 ta’ Frar, 2003, f’dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li nstab hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess (folio 10);

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (folio 850), cioe':

a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 218, 216(1)(b), 96, 95, 250, 252, 261(c)(b)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 334, 325, 115, 120, 18, 183, 184, 49, 50, 338(ee), 338(bb), 342 tal-Kodici Kriminali;

b. Fl-Artikolu 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-Artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 illum 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (folio 863).

Il-fatti specie ta' din il-kawza huwa t-trovament minn zewg pulizija Gerada u Curmi, tal-imputat fl-erbgha ta' filghodu, fuq il-blat ta' Fra Ben - dan jarmi xi karti. Meta l-pulizija avvicinaw il-vettura tieghu hemm ipparkjata, armati b'torch u armi tas-Servizz, inqala' bejnu u bejn il-pulizija disgwid, tant illi l-pulizija spiccaw sparaw lejh wara taqtiegha bejn l-imputat u Gerada ghall-arma tas-Servizz ta' Gerada. F'dan l-incident weggghu kemm l-imputat kif ukoll is-Surgent Gerada. Ghandu jinghad ukoll illi hawn il-pulizija kienu qed ifittxu vetturi u persuni li allegatament dehru mghammda u armati.

Il-Qorti tibda biex tezamina fl-ewwel lok ix-xhieda ta' PS 90 Jeffrey Gerada u PC 1337 Kevin Curmi – direttament involuti fil-konfront mal-imputat.

Minn naha tieghu PS 90 Jeffrey Gerada xehed ukoll minn notamenti tieghu li gew ezebiti bhala Dok JG a folio 91. Qal illi fit-23 ta' Frar, waqt illi kien patrol duty flimkien mal-imsemmi Curmi, ghall-habta tat-3.30am, semghu fuq ir-radio illi kellhom imorru Bugibba fir-rigward ta' tnejn minn nies suspettuzi mghammdin u armati. Waslu u assistew lil tal-Mobile. Minn hemm marru l-ghassa u s-Surgent Garzia avzahom biex jittawwlu hdjen Fra Ben fir-rigward ta' Mini Minor hamra allegatament involuta fl-incident imsemmi.

Gew mitluba wkoll jaghtu titwila lil ta’ Fra Ben minhabba l-alarm tieghu. Hawn xehed illi darba li waslu hemm, iccekkjaw hu u Curmi l-alarm – ma sabu xejn. Xehed ukoll illi kellu troch kbir f’idu. Ghalkemm sabu l-bieb tal-bitha tal-post miftuh, jghid illi ma sabu xejn hazin. Nizlu izjed ‘l isfel fid-dlam, hemm xehed illi nnota Peugeot 306 blue. Xehed illi baqa’ niezel ma’ din il-vettura. F’idu wahda kien qed izomm torch, fl-ohra arma. Spjega li kellu l-arma f’idu ghax marru fuq alarm fid-dlam (4.00am), u ma kinux jafu x’ser isibu. Spjega wkoll illi baqa’ niezel hdejn il-Peugeot u hemm ra ragel li kellu l-bieba tax-xufier miftuha, jarmi xi karti, iqalleb f’dawn il-karti. Xehed illi baqa’ niezel mieghu u qallu li kienu CID, pulizija. Staqsewh x’kien qieghed jaghmel waqt illi beda jaghmillu t-torch go wiccu. Wiegbu illi ma kien qed jaghmel xejn hlief illi jarmi xi karti. Kompla jixhed illi bit-torch ra fil-vettura affarijiet suspettuzi, bhal puntell griz, kbir pied u nofs bil-ponta; kif ukoll kaxxa griza bil-flus. Iddeskriva li dan il-puntell kellu bocca. Kompla li f’dak il-mument il-persuna dahlet gol-karozza, hu qabez fuqha ghax rah qisu qed ifittex xi haga u beda jghidlu x-xhud lil dan il-persuna, “Hallieha! Hallieha!” Spjega li kien fuq din il-persuna fil-karozza, fuq is-seat ta’ quddiem, it-tnejn fuq xulxin. Kien f’dak il-mument illi dan sprejjalu spray go wiccu. Hawn skondtu gibdu lil xulxin ‘il barra. Jghid is-Surgent illi hawn hu telaq bit-torch, pero baqa’ jzomm l-arma f’idu. Zied illi minhabba l-pepper spray, kellu hruq kbir f’ghajnejh, specjalment ghajnejh ix-xellugija. Zied illi hawn hargu ‘l barra mill-karozza u din il-persuna bdiet tigbidlu l-arma minn idu b’kemm kellha sahha. Hawn hadet l-arma u jghid ix-xhud illi beda jghajjat “Ajma! Ajma!”. Baqa’ jirrezisti qal ghax din il-persuna baqghet tipprova tohodlu l-arma minn idu. Qal ukoll illi ma setax jaghmel aktar sforz stante li bdiet tugghu hafna idu. Mistoqsi fejn kien siehbu, wiegeb hdejh, ghalkemm ma setax jghid fic-cert minhabba l-pepper spray f’ghajnejh. Spjega wkoll illi issa, minhabba li ma kellux sahha f’idu, beda jghid lil siehbu biex jispara. Ma kinx jaf jekk dan sparax wiehed jew tnejn. Xehed illi din il-persuna baqghet tirrezisti l-arrest, u li anke pprova jisprejja l-pepper spray lejn siehbu Curmi. Tefghuh mal-art u hawn dan skondtu beda jidghi bil-Madonna u jghidilhom biex joqtluh, kif ix-xhud kien ghamel lil Amadeo.

Xehed ukoll illi sakemm giet l-ambulanza, hu rega' mar hdejn il-Peugeot. Innota fuq is-seat tal-passiggier kaxxa griza bhal money box fi flus fiha, anki borza bajda wkoll bi flus fiha. Fil-bagoll sab lieva ta' pied, pied u nofs; kif ukoll parankina kbira, liema parankina kienet imgezwra god-drapp.

Rega' rritjena li hu identifika ruhu ma' din il-persuna bhala pulizija; kif ukoll illi kif dan qabez bil-karozza, qabez warajh u beda jghidlu "Hallieha! Hallieha!", b'referenza ghal dak illi beda jfittex fil-karozza. Kien hawn illi sprejjalu l-pepper spray.

Dwar id-diskors fuq Amadeo, xehed illi din hu hassha, stante li kien ghadda minn hold-up go Bormla tlitt snin u nofs qabel, ghalhekk hass illi din il-persuna kien jafu u anke kien qed jheddu b'dan.

Ammetta mad-Difiza li hu kien liebes casual, pajzan. Qal illi nizel hdejn din il-persuna bil-pass flimkien ma' siehbu, pero li hu biss kellu t-torch, pero t-tnejn kienu armati. Qal ukoll illi ma dahalx, cioe' ma wasalx hdejh u qallu pulizija, anzi xehed illi beda jghidlu li kien pulizija minn qabel.

Dwar il-fatt illi din il-persuna dahal gol-karozza, rega' zied illi dan qabez gol-karozza u hu, cioe' x-xhud, ghax hasbu li kien ser igib xi haga, anke ghax qabel kien innota l-puntell, qabez fuqu fil-vettura.

Ammetta li ma sparax warning shots fl-arja. Zied illi hu qatt ma kellu ntenzjoni li jispara; u ta ordni lil siehbu biex jispara biss ghax kellu idu mugugha, bid-demm niezel, spray f'ghajnejh, u ta dik l-ordni sakemm ikkontrollawh, cioe' gie kkontrollat l-imputat.
Zied illi mill-pistola tieghu gew sparati zewg tiri, u l-imputat gie milqut b'tir minnhom. Hu ntlaqat b'tir wiehed. Ammetta li hu spicca bejn saqajn l-imputat. Qal illi hu waqa' meta hu u din il-persuna bdew jissieltu ghar-revolver tieghu. Qal illi hu talab lill-kollega tieghu jispara minhabba s-sahha ta' din il-persuna u ghax hass illi kien ser jitlef il-kontroll tal-arma.

Ftakar illi meta l-persuna (l-imputat, ghax hekk ghamlet referenza ghalih id-Difiza), kien mal-art, beda jghid “Ajma! Ajma!”, kif ukoll “Oqtluni! Oqtluni!”.

Mistoqsi jekk l-imputat, darba mistoqsi minnu x’kien qieghed jaghmel wara li kien qallu li kienu pulizija, xehed illi dan kien wiegbu li kien qieghed jarmi xi karti.

Dan ix-xhud anke identifika lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed jaghmel referenza ghaliha.

Xehed ukoll illi l-imputat mill-ewwel konfront u anke fl-ambulanza, dejjem ipprova jghatti wiccu.

Ikkonferma wkoll dak illi kien xehed fl-Ingenere. Ghalhekk xehed illi hu spicca mar Fra Ben ghaliex kien qieghed jivestiga karozza Mini bajda, allegatament involuta f’serq. Zied illi darba Fra Ben, huma nizlu lejn il-blat fejn raw bieb miftuh, bieb illi kien jaghti go speci ta’ bitha. Darba li hemm ma sabu xejn, kien hawn illi baqghu nezlin hu u siehbu fuq il-blat bit-torch f’idu. Qal illi kien hawn illi ra lil ragel bil-bieba tad-driver miftuha, jarmi xi karti bojod. Zied illi qallu li kienu pulizija, staqsieh x’kien qieghed jaghmel, pero ma wiegbu xejn. Hawn pero zied hekk “*Kont ghidtlu li pulizija CID insomma, u qalli ‘Qed narmi xi karti.’, u jekk niftakar sew kien qalilna biex immorru lil hemm kif kont xehedt dakinhar…..*” (folio 196)

Fl-Ingenere xehed ukoll illi Kevin (Curmi, siehbu), kien spara zewg tiri lejn saqajh (l-imputat). Dan baqa’ ma cedix u ghalhekk jghid illi sparalu tir lejn saqajh. Xehed ukoll illi hawn l-imputat (identifikat aktar tard) beda jghidlu “Oqtolni kif qtil lil Amadeo.”

Fl-istadju tal-Ingenere, xehed anke li fil-Peugeot ma rax armi. Ra cash box mimlija bil-flus, kif ukoll hadida bil-ponta u xkora bajda bil-flus. Qal ukoll illi wara s-seat kien hemm jag, imqass, ingwanta bit-tikek suwed, u torch sewda. Fil-bagoll xehed illi ra lieva hamra u hadida ta’ xi erba’ (4) piedi mgezwra fid-drapp.

Spjega li hu kien spara ghal riglejh ghax hass illi ried iwaqqfu u jissalvagwardja l-perikolu li hass lejh u lejn il-kollega tieghu, u ghax ma kinx cert kinx il-persuna hawn injota, armat jew le.

Spjega li hu kien niezel bl-arma subajgh barra mit-trigger, ghax hekk kiem mghallem. Anke biex hadd ma jahsdu meta jkollu subajgh fuq it-trigger. Ikkonferma li l-arma kienet loaded. Qal illi hu meta sparalu l-pepper spray kien qieghed izomm l-arma mill-manku; pero li meta pprova johodhielu beda jzommha b'zewg idejn. Dan meta l-imputat kien qed jipprova jigbidlu l-arma. Spjega li kien cert illi waqt it-taqtiegha ghall-arma, kien qieghed izommha idu fuq idu. Qal anzi li kieku hu waqt it-taqtiegha kellu subajgh fuq il-grillu, l-arma kienet tiehu mill-ewwel, tant illi hu beda jigbed bis-sahha (folio 202). Xehed illi beda jhoss idejn l-imputat jaqbduh minn idejh, u jigbidlu l-arma. Qal ukoll illi l-arma dejjem baqghet f'idu. Spjega wkoll illi waqt it-taqtiegha ghall-arma, il-kanna taghha qatt ma hadet direzzjoni 'l fuq jew inkella lejn ix-xellug jew lejn il-lemin, almenu ma kinx hekk jidhirlu.

Baqa' nsistenti li huwa kien qabad l-arma b'idejh it-tnejn ghaliex hekk kellu izjed sahha.

Rega' xehed tard fil-mori ta' dawn il-proceduri. Gie mistoqsi dwar il-hin illi kellu l-arma f'idu, jekk semax xi diskors fil-konfront tieghu. Irrisponda li Generoso Sammut beda jigbidlu l-arma kif hargu mill-karozza. Ma ftakarx pero jekk qallux xi diskors hlief biex huma jitilqu 'l hemm. Baqa' nsistenti li hu kien qieghed izomm l-arma mill-manku.

Spjega hekk fil-konfront tal-arma:

"*Jiena htafha minn quddiem ukoll, u l-arma bdiet tingibed minn nofs. L-ewwel beda jigbidha b'idejh wahda, umbaghad kellu l-pepper spray f'idejh ghax sprejja lill-pulizija l-iehor, umbaghad waqaghlu, u beda jigbidli b'idejh it-tnejn l-arma. Jiena nfatti htafha minn quddiem l-arma ghax bdejt inhossu li ma ridx li johodhieli. Ma nafx x'kien l-iskop li johodhieli ghax ahna fl-ebda mument ma ghidnielu li ser noqtluh jew li ser nisparawlu. Ahna ghidnielu biex jieqaf, kontinwament beda jigbed hu l-arma.*" (folio 818).

Dwar l-arma, zied illi din waqt l-struggle giet ippuntata hafna drabi lejh, u li anke siehbu ma setax jiddefendieh ghax tant kien vicin li kien hemm biza’ li l-arma tiehu u tolqot lilu.

Zied illi fil-mumenet li hadet l-arma, l-glieda ma waqfitx. L-imputat baqa’ jigbed anke wara li hadet l-arma u x-xhud (Gerada) spicca ferut.

Xehed ukoll PC 1337 Kevin Curmi, li kien qieghed jassisti mas-Surgent Gerada. Spjega li kienu marru fuq il-post fejn kienu gew avvistati nies armati u mghammda. Baqghu jsegwu t-tracci ta’ karozza Mini Minor bajda li nstabet hdejn ta’ Fra Ben. Ghalhekk hu u Gerada marru jiccekkjaw hemm. Gew mitluba jiccekkjaw fl-inhawi ta’ Fra Ben, ghaliex ir-restaurant ta’ hemm kellu l-alarm on, kienet qed iddoqq. Nizlu hemm fi triq imharbta. Kellhom l-arma maghhom. Meta ttawlu fir-restaurant u ma raw xejn xehed baqghu nezlin ‘l isfel. Hawn qal illi nnutaw karozza tat-tip Peugeot blu li kellha l-bieba tax-xufier miftuha, u kien hemm persuna barra qisha baxxuta, liema persuna bdiet taqbad xi affarijiet minn fuq is-seat u tarmi barra. Qal illi avvicinaw lil din il-persuna l-ewwel is-Surgent u hu warajh. Xehed illi meta gew metru, metru u nofs ‘il boghod, identifikaw ruhhom bhala pulizija, CID.

Qal illi tkellem is-Surgent. Qal illi din il-persuna wegbithom illi kien qieghed jarmi xi karti li ma kellux bzonnhom. Qal illi l-karozza kellha l-bieba miftuha; u bit-torch mizmuma mis-Surgent hu seta’ jinnota li fil-vettura kien hemm cash box fuq is-seat, xkora kbira quddiem is-seat, u puntell ohxon bil-ponta fuq is-seat tal-passiggier. Zied illi din il-persuna tat is-salt u dahlet fil-vettura minn tulha, u s-Surgent qabez fuq l-istess persuna. Sema’ lis-Surgent jghid “*Hallieha hemm!*” (folio 98). Stante li hu kien fuq barra u waqqghet it-torch, xehed illi ma setax jara. Ra li din il-persuna, x’hin hu u s-Surgent kienu fuq xulxin fuq is-seat ta’ quddiem, poggiet idejha ma’ wicc is-Surgent u sparatlu l-pepper spray. Minhabba li kien hafna rih, qal illi dan l-spray gie anke f’wiccu. Qal illi kif hargu minn gol-vettura, is-Surgent kellu l-arma f’idejh u l-persuna l-ohra

poggiet idejha fuq l-arma wkoll, u bdiet glieda. Xehed illi kien hemm ghalhekk erba' idejn fuq l-istess arma.

Sema' lis-Surgent jghid id-diskors "*Hallieha! Hallieha!*"(folio 98). Ra li hin minnhom l-arma tbaxxiet u nstema' tir. Sema' lis-Surgent jghajjat "Ajma!" u ra li jdejh wahda minnhom intrehiet minn mal-arma. Qal ukoll illi seta' jara d-demm ma' idejn is-Surgent. Qal illi xorta baqghet ghaddejja l-glieda ghall-arma li bdiet iddur ma' kull naha, anke lejh. Hawn is-Surgent beda jghidlu biex jisparalu. Xehed illi hu, minhabba li l-arma bdiet iddur fit-taqtiegha, kien ecitat. Xehed illi resaq vicin, ipponta lejn saqajn dik il-persuna u spara tir, pero ghalih dak il-hin ma gara xejn. Is-Surgent u dik il-persuna kienu mqabbdin go xulxin u hekk baqghu. Spara t-tieni tir – hawn skondtu l-persuna nqalghet minn mas-Surgent, gholliet idejha u bdiet tghid id-diskors "*Sparawli ghal rasi!*" (folio 100). X'hin ra li s-Surgent kellu l-arma f'idejh u l-persuna kienet wahidha, nizzlu lil din il-persuna mal-art, u dan ix-xhud jghid illi ntefa' fuqu biex ma jqumx. Sema' lis-Surgent jghid "*Ara x'ghamiltli!*" (ibid) Qal illi din il-persuna bdiet tghidilhom id-diskors "*Ser timlewni tilja habs.*" Anke xehed illi qallu biex ihallieh imur u jaghtieh Lm10,000.00 - dan sakemm is-Surgent kien allontana ruhu u mar icempel ghall-assistenza. Innota li l-persuna kellha ferita f'saqajha. Sema' anke lil din il-persuna jghid lis-Surgent illi hu kien li kien qatel lil Amadeo.

Indika lill-imputat bhala l-persuna nvoluta.

Dwar id-diffikulta' li sab ruhu fiha s-Surgent, qal illi hu seta' jinduna li minhabba l-pepper spray is-Surgent ma tantx kien qieghed jara, u anke ghax kellu ferita f'idejh.

Qal illi wara dan l-incident, hu kien sab il-pepper spray u anke gabar xi karti – ghaddiehom lis-SOCO.

Qal illi l-arma tieghu kienet Smith and Wesson. Zied u qabel illi hu u Gerada kienu lebsin pajzana.

Ikkonferma anke in kontro ezami li darba li hargu mill-karozza, l-arma kienet maqbuda biz-zewg idejn tas-

Surgent u z-zewg idejn tal-persuna l-ohra. Ghalih l-arma bdiet thares, cioe' tipponta lejn kull direzzjoni, umbaghad instema' l-ewwel tir. Kien wara li spara hu li sema' lill-akkuzat jghid "*Ajma!*" Wara l-ewwel tir sema' lis-Surgent jghid "*Ajma!*" Xehed li sema' tliet tiri. Insista li hu sema' lill-imputat jghid "*Ajma!*" wara l-ewwel tir sparat minnu.

Dwar l-isparatura tieghu lejn saqajn il-persuna, xehed illi x'hin, waqt it-taqtiegha, saqajh il-leminija ghamlet pass lura, hu spara dak il-hin.

Giet moqrija lilu wkoll ix-xhieda li l-istess Curmi ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Xehed dwar l-investigazzjoni li kienet qed issir minhabba l-avvistament ta' zewg Minis – wahda bajda u ohra hamra, u rgiel mghammda. Din l-investigazzjoni wasslithom hdejn Fra Ben, u hdejn il-karozza Peugeot. Anke hawn a tempo vergine xehed illi lil dan ir-ragel li raw hdejn il-bieba miftuha tal-Peugeot kienu qalulu li kienu pulizija. Qal ukoll illi dan kien irrispondiehom (stante li kien ma' siehbu, illi ma kellux bzonnhom. Ikkonferma tista' tghid dak illi xehed viva voce quddiem din il-Qorti, li gia' gie hawn fuq riprodott.

Gharaf ukoll l-arma li kellu fuqu dakinhar tal-incident in ezami, id-dokument Dok BC2 ezebit fil-proces verbal.

Minn naha tieghu, il-Brigadier Maurice Calleja, espert mahtur fl-Inkjesta (Dok MC, ir-relazzjoni minnu ezebita), ikkonkluda li gew sparati erba' tiri bir-revolver BC1 u tnejn bir-revolver BC2. Qal illi l-iskratac li kien hemm sparati li kienu ghadhom fir-revolver kienu jikkonfermaw dan. Qal illi wiehed minn dawn it-tiri laqghat lis-Surgent Gerada f'idu x-xellugija bir-revolver tieghu stess (id-dokument BC2 fil-fatt huwa r-revolver li kien fil-pussess ta' Gerada). Zied dan l-espert li zewg tiri ohra laqtu lil Generoso Sammut – wiehed f'kuxxtejn it-tnejn, u l-iehor fil-pexxun tal-lemin. Qal ukoll illi l-balla li nstabet fil-ferita f'saqajn Generoso Sammut giet sparata mir-revolver Dok BC2 (allura dak fil-pussess ta' Gerada).

Minhabba tali sparar, gie mahtur ukoll l-Ispizjar Mario Mifsud, biex jaghmel l-analizi mehtiega ta' gun shot residue – GSR.
Ikkonkluda hekk:
"

*a. Illi nstabet particella unika u hmistax-il particella indikattiva (01 – SbBaPb, 12 – SbBa u 03 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' garza u stubs, li allegatament gew mehuda minn fuq ix-xaghar, il-wicc, u l-id ix-xellugija ta' PC 1337 Kevin Curmi li kienu fid-dokument 024/07/01;*

*b. Illi ma nstabux particelli, la unici u lanqas indikattivi, fuq swabs li allegatament gew mehuda mill-id il-leminija, l-imnieher, u l-widnejn ta' PC 1337 Kevin Curmi li kienu fid-dokument 024/07/01;*

*c. Illi nstabu disa' particelli indikattivi 04 – SbBa , 02 – SbPb u 03 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' garza u stubs, li allegatament gew mehuda minn fuq ix-xaghar, il-wicc u l-idejn ix-xellugija, immarkati 1 u 2, il-widna x-xellugija u fl-imnieher ta' Sammut Generoso, li kienu fid-dokument 024/07/02;*

*d. Illi ma nstabux particelli, la unici u lanqas indikattivi, fuq swab li allegatament giet mehuda mill-widna l-leminija ta' Sammut Generoso li kienet fid-dokument 024/07/02;*

*e. Illi nstabu zewg particelli indikattivi (02 – SbBa) ta' gun shot residues fuq swab, mehuda permezz ta' stub, li allegatament giet mehuda minn fuq id ix-xellugija ta' Gerada Jeffrey li kienet fid-dokument 024/07/03;*

*f. Illi ma nstabux particelli, la unici u lanqas indikattivi, fuq swabs li allegatament gew mehuda f'wicc, ix-xaghar, l-id il-leminija, l-imnieher, u l-widnejn ta' Gerada Jeffrey, li kienu fid-dokument 024/07/03;*

*g. Illi nstabu disa' particelli unici u tlieta u ghoxrin particella indikattiva (09 – SbBaPb, 08 – SbBa, 03 – SbPb u 12 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda*

*permezz ta' stubs, minn fuq flokk illi kien hemm fid-dokument 024/07/04);*

*h. Illi nstabu hames particelli indikattivi (02 – SbBa, 01 – SbPb u 02 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' stubs, minn fuq jeans illi kien hemm fid-dokument 024/07/05;*

*i. Illi nstabu tminn mija u sitta u sebghin particella unika u tliet mija u sitta u erbghin particella indikattiva (876 – SbBaPb, 202 – SbBa, 123 – SbPb, u 21 – BaPb) ta' gun shot residues fuq allegat washout li gew mehuda minn fuq revolver tal-marka Smith and Wesson bin-numru J-499710 ill ili kien hemm fid-dokument 024/07/06;*

j. *Illi nstabu elfejn mija u disgha u erbghin particella unika u sitt mija u disgha particella indikattiva (2,149 – SbBaPb, 528 – SbBa, 57 – SbPb u 24 – BaPb), ta' gun shot residues fuq allegat washout illi gew mehuda minn fuq revolver tal-marka Smith and Wesson bin-numru J-499655 li kien hemm fid-dokument 024/07/07.*"

Ghandu jigi precizat ukoll, illi z-zewg armi li gew sparati - allura ta' Gerada u Curmi, kienu t-tnejn tal-marka Smith and Wesson.

PS 881 Charles Grech minn naha tieghu prezenta r-relazzjoni tieghu, fuq xiex inhadmu l-GSRs minn fuq Curmi, Gerada, u Sammut (Dok CG, folio 318).

Dwar il-griehi sofferti, xehdu varji tobba. Ghandu wkoll jigi puntwalizzat illi Mr Charles Grixti, xehed diversi drabi f'dawn il-proceduri - mitlub mid-Difiza fil-kors tas-smiegh tal-liberta' provizorja.

Minn naha taghha Dr Diane Tabone, ezebiet certifikat minnha stess maghmul dwar griehi sofferti minn Jeffrey Gerada. Ezebiet ic-certifikat bhala Dok DT a folio 295. Xehdet illi bhala injuries Gerada kellu hmura fuq zewg nahat ta' jdejh, fuq il-palma ta' idu x-xellugija, kellu ferita fit-tarf tas-swaba; lacerazzjoni fejn jibdew is-swaba – ir-

raba' u l-hames wiehed. Qalet illi kellu wkoll hmura f'ghajnejh kompatibbli ma' pepper spray.

Xehdet ukoll dwar il-griehi li kellu fil-palma ta' idejh li din kienet maghmula minn xi haga li ddahhlet minn naha tal-palma u harget mid-dorso, kompatibbli ma' sparatura - bullet illi baqghet ghaddejja. Iddeskriviet illi madwar din il-gerha li kienet bejn il-forth u l-fifth digit kien hemm anke spots suwed (folio 291)

Fic-certifikat kienet iddeskriviet dawn il-griehi bhala grevious, ghallkemm viva voce qalet illi kienu ta' natura hafifa jekk ma kellhomx long term complications.

Dr Mario Scerri, minn naha tieghu kien gie mahtur biex jezamina kemm lil Generoso Sammut kif ukoll lil Jeffrey Gerada.
Ikkonkluda dwar dawn il-griehi hekk:
"*Wara li l-esponent acceda fuq il-locus fejn sehh l-incident;*
*Illi wara li ghamel l-osservazzjonijiet tieghu fuq il-locus;*
*Illi wara li ezamina l-feriti fuq il-persuna ta' Sammut;*
*Illi wara li ezamina l-persuna ta' PS 90 Jeffrey Gerada, jikkonkludi:*
*1. Illi fuq is-seat tas-sewwieq tal-vettura msemmija kien hemm qtar tad-demm li kien demm li ma kellux velocita' qawwija u li ma kellux direzzjoni, cioe' demm li ma kellux il-karatterestici ta' spattering;*
*2. Illi qtar tad-demm mal-art 'l hinn mill-vettura kienu vertical drops minghajr direzzjoni;*
*3. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-apsett posterolaterali tar-rigel tal-lemin ta' Sammut ({A}) kienet lezjoni friska maghmula minn low velocity missile, ma kinitx close contact wound u hija kompatibbli ma' entry wound;*
*4. Illi l-lezjoni deskritta fid-dettall fuq l-aspett posterolaterali tal-istess rigel ({B}), kienet lezjoni friska maghmua minn low velocity missile u hija kompatibbli ma' exit wound;*
*5. Illi l-lezjoni deskritta fuq l-apsett medjali tat-tarf t'isfel tar-rigel tax-xellug kienet ferita pjuttost tawwallija bi ftit li xejn burn marks mal-margins accoccjata ma' tbengila. Din il-lezjoni hija kompatibbli ma' entry wound kagunata minn*

*low velocity missile li dahlet fit-tessuti with a low kinetic energy;*

*6. Illi jidher illi low velocity missile sparata minn arma tan-nar dahlet mill-apsett posterolaterali tar-rigel tal-lemin ta' Sammut (entry {A}), traversat fit-tessuti u harget mill-aspett posteromedjali exit {B}) tal-istess rigel. Din l-istess missila ta' velocita' baxxa li kienet allura tilef hafna mill-energija kinetika taghha kompliet il-korsa taghha billi dahlet mill-aspett medjali tat-tarf t'isfel tar-rigel tax-xellug (entry {C}), u spiccat lodged fit-tessuti kif jidher mill-x-rays;*

*7. Illi ma kinx hemm fratturi kagunati minn din il-missila;*

*8. Illi l-lacerazzjoni assocjata ma' abrazjoni fuq l-aspett posterjuri tal-qasba tas-sieq ix-xellugija ta' Sammut u li kellha burnt margins hija kompatibbli ma' missila sparata mhux mill-vicin hafna (cioe' mhix near contact), u li ghaddiet zbrixx u kompliet bit-tragettorja taghha;*

*9. Illi l-lacerazzjoni assocjata ma' abrazjonijiet fuq l-aspett laterjali tar-rigel tax-xellug mhix assocjata ma' missili u hija kompatibbli ma' blunt trauma;*

*10. Illi in vista' ta' dan jidher illi Generoso Sammut intlaqat minn zewg missili ta' velocita' baxxa sparati minn arma jew armi tan-nar;*

*11. Illi l-hmura fuq l-abjad tal-ghajnejn tas-Surgent Gerada hija kompatibbli ma' conjunctional irritation;*

12. *Illi ezami tal-feriti fuq il-pala tal-id tas-Surgent Gerada ma sarx ghar-raguni li dawn il-feriti kienu gew diga' ttrattati mit-tobba tad-dipartiment tal-Emergenza u kienu mghottija b'faxxa. Ghalhekk ezami ta' dawn il-feriti trattati ma kinx ikun wiehed forensikament informattiv.*"

Minn naha tieghu Mr Charles Grixti, xehed illi kien qieghed isegwi lil Generoso Sammut bhala "*out patient*" in kwantu meta rah kien gia' gie operat u tnehhietlu balla minn go saqajh ix-xellugija. Qal ukoll illi Sammut barra din il-ferita kellu ticrita f'rasu. Din it-tieni ferita ghalih kienet kompatibbli ma' blunt injury.

Xehed fit-tul l-Ispettur Carmelo Bartolo, ghal diversi drabi fil-kors ta' dawn il-proceduri. Qal illi fuq rapport li gie ricevut mis-Surgent Gerada li kienet sehhet sparatura fl-istabbiliment maghruf bhala Ta' Fra Ben, huwa nizel fuq il-

post. Hemm innota pparkjata fuq il-blat karozza Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni AAA551. Innota li l-luggage boot taghha kien miftuh. Ra wkoll li fil-karozza, quddiem is-seat tal-passiggier, kien hemm xkora bajda (donnha tan-nylon) li fiha kien hemm xi flus. Innota wkoll illi kien hemm cash box tal-metall ta' kulur blu. Ra wkoll f'din il-vettura ghodod, ghalih li setghu jkollhom konnessjoni mas-serq. Innota zewg srievet, bicciet tal-karti qishom notebook b'kitba fuqhom. Ra li mal-art tal-vettura, hdejn is-seat tax-xufier, kien hemm torch kbira ta' kulur griz li dehret imcappsa b'likwidu ahmar - aktarx demm. Xehed ukoll illi fil-luggage boot kien hemm xi ghodod li setghu jintuzaw fis-serq. Innota wkoll ticpis ta' demm ftit metri 'l boghod mill-vettura. Ra vicin id-demm, canister iswed - pepper spray.
Kellem ukoll fuq il-post lil Curmi u lil Gerada, u lill-proprjetarju ta' Fra Ben - certu Benjamin Micallef, li qallu li l-post tieghu kien intatt.

Qal illi aktar tard hu anke mar l-Isptar u hemm gabar l-arma tas-servizz tas-Surgent Gerada. Ghaddieha lill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti. Eleva wkoll is-somma ta' tlitt mitt lira Maltin(Lm300.00) li giet mehuda l-Isptar minn fuq il-pussess ta' Generoso Sammut. Anke ghadda din is-somma lill-esperti tal-Inkjesta.

Aktar tard gie a konoxxenza li kien dahal rapport ta' serq mill-lokal Granny's Restaurant. Minn investigazzjonijiet tieghu, tkellem ma' certu Rachel Zammit li qalet illi minn hemm naqset is-somma ta' circa elf lira Maltin (Lm1,000.00), anke li nsterqet cash box tal-metall ta' kulur blu li fiha kellha l-float. Staqsa anke x'tip ta' karti kienu jintuzaw fir-restaurant u din Zammit tat kampjuni tal-istess lill-Perit Richard Aquilina. Xehed ukoll l-Ispettur illi l-istess Zammit anke gharfet l-istess mir-ritratti li wrewha l-pulizija - dokumenti migbura minn fuq il-post ta' Fra Ben, karti u flus ingezwrin.

Zied illi minn aktar investigazzjonijiet irrizultalu li l-vettura AAA551 - il-Peugeot, kellha l-licenzja ta' quddiem tal-wind screen li ma kinitx tappartjeni lill-vettura. Qal illi x-chassis number illi kien jidher fuq din il-licenzja, cioe'

KLATF19Y15B649125, kien jappartjeni lill-vettura AAE194. Din il-vettura kienet tghajjat lil certu Jonathan Balzan minn Hal Safi. Qal illi ma kinx irnexxielu jirrintracca lil dan Balzan. Iccekkja wkoll illi l-licenzja tas-sewqan ta' Sammut ma kinitx licenzjata u lanqas ma kienet licenzjata l-vettura ghas-sena in kwistjoni.

Zied illi Curmi kien irrilaxxa stqarrija bil-gurament. Qal illi minn naha tieghu, Gerada kien xehed bil-gurament quddiem il-Perit Aquilina, allura fl-Inkjesta. Qal ukoll illi wara li ha parir minghand it-tobba, u wara li Sammut gie rilaxxat mill-Isptar, huwa kien hadlu stqarrija, wara li tah is-solita twissija; pero zied illi Sammut ghazel illi ma jirrispondi ghal xejn. Qal pero li waqt dan l-interrogatorju, mhux fl-istqarrija pero, kien qallu "*Li kieku giet l-arma tal-pulizija f'idi, tahseb illi ma kontx naf nuzaha?*" Xehed illi meta rrinfaccah b'dan il-kumment, Sammut qallu li ma kinx ser jitkellem izjed. Ezebixxa d-dokument CB – certifikat mediku ta' Sammut, wara li dan gie rilaxxat.

Ezebixxa wkoll l-ircevuta tas-somma ta' tliet mija u disgha u ghoxrin lira Maltin (Lm329.00), li nstabu fuq il-persuna tal-imputat – Dok CB1.
Ezebixxa hames(5) ritratti, Dok CB2, illi kien uza fil-kors tal-investigazzjoni.

Aktar tard ezebixxa wkoll zewg license disks, fir-rigward tal-vetturi AAA551 u AAE194 – Dok CB u Dok CB1 (folio 374). Xehed illi dawn gew elevati minn fuq il-vettura li kien qieghed isuq Sammut, li kienu taht xulxin imdahhlin f'license holder f'rokna fil-windscreen. Qal illi dawn gew fotografati qabel ma gew elevati.

Dwar ix-xena tar-reat u dak kollu li rrizulta fuq il-post, PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri, mahtura bhala SOCO u fotografija, ezebew ir-relazzjonijiet taghhom a folio 412 – 450 tal-atti. Insibu fl-istess, deskrizzjoni tal-ezebiti kollha elevati minn fuq ix-xena tad-delitt, inkluz mill-vettura Peugeot; kif ukoll sensiela ta' ritratti li juru b'mod car ix-xena u dak kollu rizultanti. Ghandu jinghad ukoll illi hemm ukoll elenkat is-swabs tad-demm kollha elevati minn fuq ix-xena tar-reat.

Aktar tard fil-kors ta’ dawn il-proceduri, l-Ispettur Carmelo Bartolo kien irnexxielu jirrintracca lil Jonathan Balzan dwar il-license disk fuq il-vettura AAE194. Xehdu f’dawn ir-rigward l-istess Jonathan Balzan u Nicholas Cutajar.

Jonathan Balzan ghalhekk xehed illi kien proprjetarju tal-vettura Daewoo Racer AAA194. Qal illi fis-sena 2003 fi Frar, kien ha din il-vettura ghand il-mechanic (ghalih certu Lino). Qal illi x’hin kien mar biex jigbor l-istess karozza, dan kien gibidlu l-attenzjoni li l-licenzja tal-windscreen kienet nieqsa. Jghid illi l-licenzja dejjem kien izommha hemm imwahhla gol-pocket. Qal illi kien anke ghamel affidavit dwar dan. Il-mechanic kien gewwa s-Siggiewi.

Minn naha tieghu Nicholas Cutajar xehed illi hu kien mechanic gewwa s-Siggiewi. Ikkonferma li Jonathan Balzan kien klijent tieghu, li kien hadlu l-karozza Daewoo ghat-tiswija. Xehed illi kienet naqset il-licenzja tal-istess vettura. Qal ukoll illi l-vetturi li kien ikollu ghat-tiswija kien ihalliehom barra. Qal illi hu ma kinx jirregistra l-vetturi li kienu jidhlu fil-garaxx tieghu.

Brian Farrugia, f’isem id-Dipartiment tal-Licenzji, xehed illi l-vettura AAE194 kienet tal-marka Daewoo ta’ kulur maroon, kienet registrata fuq Jonathan Balzan, u li kienet giet trasferita lil Mosta Auto Dealer. Dwar il-vettura AAA551 din kienet registrata fuq l-imputat minn Ottubru 2002; kienet ta’ kulur blu tal-marka Peugeot 306, blu skur.

L-Ispettur Carmelo Bartolo, aktar tard rega’ xehed u pprezenta zewg sentenzi a folio 776 – 777, u l-ohra 778 – 780, dawn in sostenn tal-akkuza tar-recidiva.

Fil-konfront ta’ dawn is-sentenzi, xehed ukoll is-Supritendent Neville Xuereb, dwar is-sentenza moghtija mill-Imhallef Dr Caruana Colombo, datata 13 ta’ Marzu, 1998, kontra Generoso Sammut. Qal illi hu kien kemm l-Ufficjal Investigattiv kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur fl-istess, u gharaf lill-imputat bhala l-istess persuna li ghaliha tirreferi l-istess sentenza ezebita.

L-Ispettur Pio Pisani minn naha tieghu, xehed u kkonferma r-rapport illi hu stess ghamel fl-Inkjesta dwar l-incident illi sehh gewwa Fra Ben. Gharaf anke l-istqarrija li rrilaxxa l-istess imputat, ezebita bhala Dok PP, folio 189.

Dwar is-serqa li gara gewwa l-Granny’s Restaurant, xehdet Rachel Zammit, liema restauarant hi kienet tidderigi. Kienet ilha f’din il-kapacita’ ghall-ahhar tlitt snin. Xehdet illi hi kienet bint l-owner John Zammit. Qalet illi fil-gurnata tal-incident, bejn is-7.30am u t-8.30am, sabet il-bieb tar-restaurant miftuh, ix-shutter mgholli. Qalet illi gewwa kien kollox kif kienet halliet filghaxija. Sabet nieqes biss il-float ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00), plus xi zewg pagi.
Qalet illi darba pero li dahlet fuq gewwa, rat illi l-kaxxa tal-injam li fiha kienu jzommu fl-flus tal-gimgha, miksura. Flus minnha kien hemm nieqsa elf lira Maltin (Lm1,000.00). Ziedet illi x-shutter kien mgholli mill-art b’xi  zewg piedi. Dwar il-kaxxa li kien fiha l-float, iddeskrivietha bhala wahda ta’ kulur blu, u li fiha kellha mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00). Ziedet illi din il-kaxxa kienet maghluqa, kif kienet ukoll maghluqa dik tal-injam b’katnazz. Ziedet illi kien il-kok Charlie Friggieri li kien ghalaq il-fond, u hu li fethu.

Kompliet tixhed dwar jotters (note books) li fuqhom il-waitress kienet tiehu l-ordni tal-ikel gewwa dan ir-restaurant u li kienu dejjem juzaw l-istess jotters. Naqsulhom ukoll fis-serq reconciliation sheets li fuqhom kienu jahdmu s-sales u jahdmu l-VAT. Dawn il-karti ziedet illi fuqhom kienu jkollhom miktub it-title Granny’s Restaurant. Dwar il-flus li naqsulhom, xehdet illi dawn ikunu maqsumin f’dawk tal-VAT, dawk tar-rentals, dawk dedikati ghall-cash in hand - maghluqin go boroz separati. Dwar il-jotters, qalet illi dawn kienu handwritten mitkuba mill-waiters – certu Maria jew Charlie. Gharfet dawn murija lilha - Dok T1 u Dok T2. Gharfet fil-fatt l-oggetti fir-ritratti gia’ ezebiti mill-Ispettur Carmelo Bartolo, dawn elevati mill-vettura ta’ Sammut.

Xehdet anke oht din ix-xhud – Fiona Zammit, u qalet illi meta marret fuq il-post tas-serqa, cioe’ gewwa Granny’s

Restaurant, rat shutter sgassat, flixkun mal-art, hafna konfuzjoni. Saret taf b'din is-serqa ghax kienet cemplitilha ohtha Rachel. Kienet hi li sakkret il-flus. Ikkonfermat dak illi kienet xehdet fl-Inkjeseta, u cioe' illi l-kaxxa blu kien fiha l-float ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00), il-flus tal-gimgha ghall-ammont ta' tminn mija u hamsin lira Maltin (Lm850.00) circa. Ikkonfermat il-proceduri li jpoggu l-flus go diversi boroz ta' polytheme u fihom ippoggu karti bil-kitba rent, VAT, u d-dati. Ikkonfermat illi l-kaxxa l-bajda tal-flus kienet tissakkar b'katnazz. Ikkonfermat illi kienet hi stess li tat samples tac-chits, Dok T1 u Dok T2, lill-Perit Richard Aquilina, u kitbet fuqhom.

Minn naha tieghu Charles Friggieri, ic-Chief ta' Granny's Restaurant, xehed illi fil-gurnata tal-24 ta' Frar, sab il-bieb miftuh u x-shutter mgholli minn naha wahda. Cempel lil Rachel. Kien hu li kien ghalaq ir-restaurant filghaxija, sakkar bic-cavetta, ghalhekk jghid li sakkar kemm ix-shutter kif ukoll il-bieb.
Muri d-dokument RZ1, diary gia' ezebit minn Rachel Zammit a folio 185, ikkonferma li dan fih kien hemm miktub il-hinijiet tax-xoghol li hadem, is-sales, il-VAT, u l-commission li jkunu hadu c-chief u l-waitreses, kif ukoll l-expenses li jkunu nefqu. Xehed illi fih kien hemm il-kitba tieghu kif ukoll tal-waitress Maria. Ikkonferma illi fid-data tat-23 ta' Frar, kien hu li nizzel l-informazzjoni f'dan id-diary. Ikkonferma wkoll illi mahduma l-flus u kif ghandhom jigu mqassam, dawn kienu jinkitbu fuq sheets u l-flus jinghalqu go boroz bil-karti tal-working b'kollox, u jinghalqu go kaxxa tal-injam li kienet tkun maghluqa b'katnazz.

Xehdet wkoll Maria Compano, din waitress gewwa r-restaurant misruq. Anki hi rat ix-shutter imnizzla (recte mgholli), tant illi biex tidhol kellha titkaxkar tahtu. Rat illi fir-restaurant kien hemm kaxxa tal-flus miksura u l-cash box nieqsa. Murija d-diary Dok RZ, ikkonfermat hi wkoll l-uzu tieghu, u anke li gieli kitbet fih kif gie spjegat fix-xhieda precedenti. Ikkonfermat ukoll lli l-ordnijiet gieli kienu jittiehdu fuq chit books.

Il-proprjetarju tar-restaurant misruq – John Zammit, xehed illi hu kien gie nfurmat bis-serqa minn bintu. Ma kinx direttament involut hu fil-gestjoni tal-Granny's Restaurant.

Minn naha tieghu l-Perit Ricahrd Aquilina, nominat fl-Inkjesta, xehed dwar ir-relazzjoni tieghu Dok RA folio 161. Ikkonferma li fl-istess relazzjoni kien hemm l-elenku tal-affarijiet elevati, flus u karti. Zied illi anke gew elevati karti mill-Granny's Restaurant, fi kliemu "sample tal-karti li meta jidhol bniedem biex jiekol jiktbu biex inkunu nistghu inqabbluhom." (folio 156) (Dawn huma d-dokumenti Dok T1 u Dok T2 – zewg chits li fil-fatt gew murija lil Rachel Zammit, u liema hi gharfet).

PS 964 Robert Scicluna minn naha tieghu, mahtur fl-Inkjesta ghal dan l-iskop, ipprezenta r-relazzjoni tieghu bir-ritratti mehuda wara s-serqa gewwa l-Granny's Restaurant, Dok RS a folio 346.

Ittiehdu wkoll minn PC 956 Andrew Camilleri, fuq ordni ta' din il-Qorti, l-impronti digitali u tal-palma tal-id tal-imputat.

Dak iz-zmien il-PL Juliana Scerri Ferrante, giet mahtura biex taghmel ezami komparattiv ta' dawn ma' dawk il-lifters elevati mix-xena tas-serq  Granny's Restaurant. Dan l-istudju komparattiv ta rizutlat fin-negattiv (Dok SF a folio 406).

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija, u cioe':

- L-Artikoli 41(1)(a), 218, 216(1)(b), 96, 95, 250, 252, 261(c)(b)(f), 263, 267, 270, 278, 279, 325, 334, 115, 120, 18, 183, 184, 49, 50, 533, 338(ee), 338(bb), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a)(b)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat illi d-Difiza qatt ma ressqet provi, pero talbet illi taghmel nota ta' sottomissjonijiet li fil-fatt giet prezentata.

Rat illi d-Difiza ntavolat rikors biex jigi determinat jekk gewx miksura d-drittijiet ta' Generoso Sammut ghal mod kif giet mehuda l-istqarrija tieghu. Talab ulterjurment illi jitratta dwar l-istess;
Rat anke r-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan;
Rat illi fil-fatt ma saret ebda trattazzjoni, pero l-imputat ipprezenta nota fejn anke zviluppa dan il-punt.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tahgmel referenza ghal dak illi hemm imnizzel fin-nota tad-Difiza dwar l-ammissibilita' tal-istqarrija tal-imputat). Issa, kif jirrizulta mill-istess stqarrija, Dok PP folio 189, l-imputat - dak iz-zmien l-investigat, ghazel kif kien drittu li ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Jidher pero li d-Difiza, l-aktar li ghamlet enfasi kien mhux fuq l-istqarrija nnifisha, ghaliex l-imputat kif kien drittu ghazel ili ma jwegibx, imma fuq punt li xehed fuqu l-Ispettur Bartolo, li anke rega' staqsa fl-istqarrija. Jghid l-Ispettur Bartolo li hin minnhom l-imputat qallu "*Li kieku kelli l-arma tal-pulizija f'idi, int tahseb li ma kontx naf nuzaha*?" Dan fl-istqarrija l-imputat jinnegah.

Issa bla dubbju, l-istarrija ttiehdet bil-mod kontrollat bil-Ligi dak iz-zmien vigenti, allura minghajr l-assistenza legali.

Illi certament kien hemm varji zviluppi mill-Qorti taghna dwar dan il-punt, bhal ma elenka l-abbli Avukat Difensur fin-nota tieghu, fi-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alan Privitera", u "Repubblika ta' Malta vs Charles Stevens Muscat", u hafna ohrajn. Jidher illi l-aktar illi l-Qrati taghna spiccaw ghamlu enfasi fil-fatt kien fuq il-vulnerabbilta' tal-persuna li tkun qed tirrilaxxa l-istqarrija.
Ghalhekk fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Tyronne Fenech", il-Qorti qalet hekk dwar dan il-punt:

"*…..Din il-Qorti gia' osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita' nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Artikolu 355 tal-Kodici Kriminali, il-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smiegh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni li minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabbilta', dghjufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinstabu hatja meta fis-sewwa hatja mhumix. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb il-vulnerabbilta' u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija.*"

Huwa fl-isfond ta' tali vulnerabbilta' li l-Qrati taghna ddikkjaraw il-ksur ta' smiegh xieraq meta stqarrija tittiehed minghajr assistenza ta' avukat. Illi fil-fatt, tali vulnerabbilta' giet anke ezaminata u determinate, ghalkemm mhux b'mod esklussiv, kemm mill-eta' tal-imputat, kif ukoll mill-istat tal-fedina penali tieghu, allura kemm kien gia' habat mal-Gustizzja, u mal-pulizija.

Oltre dan, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Cutajar", deciza nhar it-18 ta' Gunju, 2013 mill-Imhallef Dr Michael Mallia:

"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

Mela minn hawn wiehed jista' jikkonkludi li stqarrijiet mehuda qabel l-emendi jistghu jigu kkunsidrati, jekk l-

interrogat mhux persuna vulnerabbli, u jekk dak li jintqal fihom isib korraborazzjoni minn provi ohra migjuba, cioe' fil-fehma ta' din il-Qorti l-istqarrija ma tkunx l-unika prova decisiva kontra l-imputat.

Harsa lejn l-istqarrija tal-imputat turi li dan fi zmien tar-rilaxx kellu disgha u erbghin(49) sena. Il-fedina penali tieghu, ghalkemm ma kinitx daqstant refrattarja fiz-zmien illi gie kommess l-allegat reat, turi li gia' kellu esperjenza ta' pulizija, tant illi anke kellu piena karcerarja sospiza. Illi fil-fatt fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tenut kont ta' dawn il-fatturi, ftit jirrendu dawm lill-imputat bhala persuna vulnerabbli, bhal fil-kaz kif ddecidiet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Amanda Agius", u "Il-Pulizija vs Tyronne Fenech", persuni ta' eta' ferm tenera!

Tghaddi issa l-Qorti biex tezamina l-Artikoli addebitati, dawk moghtija l-ewwel – l-Artikoli 41(1)(a), 218, 216(1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attentat ta' griehi gravi.

Illi fil-mertu, din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala m'ghandhix temmen il-verzjoni li taw kemm Gerada kif ukoll Curmi. Xehdu dawn li meta nizlu fuq il-blat ta' Fra Ben, u raw il-vettura Peugeot bil-bieba miftuha, huma identifikaw lilhom infushom bhala pulizija. Gerada gia' kellu torch f'idu u kienu armati tenut kont illi huma: (a) kienu qed ifittxu karozza bin-nies armati u mghammda u; (b) gia' kienu sabu l-bieb tal-bitha ta' Fra Ben miftuh. L-imputat allura skondthom, minflok iddezista minn dak illi kien qieghed jaghmel, inxtehet fil-vettura, gab pepper spray, sprejja lil Gerada, u anke laqghet lil Curmi. Oltre dan, issara ma' Gerada biex johodlu minn idu l-arma tas-Servizz.

Jirrizulta wkoll ili tant l-imputat gharaf lil Gerada bhala pulizija, illi anke kkummentalu li hu kien dak illi qatel lil Amadeo (dan stante li Gerada kien gia' kellu incident fil-passat fejn spicca tilef hajtu Amadeo Brincat).

Illi jirrizulta wkoll illi Gerada u l-imputat spiccaw jissaraw ghall-arma tas-Servizz li kien qed izomm f'idu Gerada. Din

ir-rissa wasslet biex l-arma ta’ Gerada hadet u spicca wegga’ Gerada f’idu bil-mod gia’ hawn fuq deskritt.

Tistaqsi allura din il-Qorti – ghalfejn l-imputat sprejja pepper spray f’ghajnejn il-pulizija, u oltre dan ghalfejn u xi skop kellu li jiehu l-arma minn idejn Gerada?? X’kellu bzonn l-arma l-imputat?

Anke jekk il-Qorti tiskarta dak illi qal l-Ispettur Bartolo, skondtu dak illi qallu Sammut dwar l-arma, xorta hija tibqa’ konvinta li l-intenzjoni tal-imputat li jiehu l-arma minn idejn Gerada, kienet biss intiza biex dan juzaha fil-konfront ta’ Gerada almenu! Altrimenti ma kinx hemm ebda skop iehor, ghax qajla jista’ jinvoka xi legittima difesa jew provokazzjoni fic-cirkostanzi li nstab fihom.

Illi bla dubbju, Gerada wkoll sofra griehi fil-pala ta’ idejh – dan kif jghid Dr Mario Scerri, maghmula minn low velocity missile, kompatibbli ma’ entry and exist wound, cioe’ sparatura. Minn naha tieghu Gerada jixhed illi kellu d-demm u jdejh mifqugha. Jghid illi l-Isptar rah anke Dr Sciberras. Ikkonferma wkoll illi meta rah Dr Mario Scerri, idu gia’ kienet infaxxata, allura Dr Scerri ma setax jikkwalifika l-griehi.

Illi minn naha taghha Dr Diane Tabone, kif gia’ riprodott, ghalkemm harget certifikat a tempo vergine ta’ griehi ta’ natura gravi, viva voce xehdet illi fil-fatt il-griehi li sofra Gerada kienu ta’ natura hafifa ghax ma kellux long-term complications (folio 295).

Illi fil-fatt minn imkien ma jirrizulta li l-griehi sofferti minn Gerada kienu tali li jgibu mankament jew sfregju f’wahda mill-idejn ta’ Gerada, ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) addebitat; multo magis allura ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Pero Sammut gie addebitat bl-attentat ta’ griehi ta’ natura gravi ai termini tal-Artikolu 41)1)(a). Kif gia’ espremiet ruhha l-Qorti, ir-raguni tiddetta li min jipprova jassalta ghal arma, meta gia’ jkun uza vjolenza bil-pepper spray, ma jkunx qed jaghmel hekk biex jiccajta pero biex juza l-

istess. L-uzu ta’ arma f’inkontru daqshekk ravvicinat, ghandu konsegwenza wahda – feriment. Cert ukoll illi dan ma sehhx, mhux ghax l-imptuat iddezista, imma ghax f’din it-taqtiegha spicca gie ferut hu, u ma rnexxilux jiehu l-arma minn idejn Gerada.
Ghaldaqstant, tqis illi l-Artikolu 41(1)(a) huwa applikabbli, u li l-intenzjoni tal-imputat kienet illi jferi lil Gerada, ghalhekk issib htija taht l-Artikoli 41(1)(a) u 216, 218, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputat gie anke addebitat bir-reat misjub taht l-Artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Issa din il-Qorti gia’ esprimiet il-fehma taghha li Sammut tant gharaf lil Gerada, illi semmielu lil Amadeo - pero b’dan kollu ma giex pruvat illi b’dan huwa kien qieghed igieghlu jew ahjar izommu milli jaghmel xi haga, forsi dmiru jew kien qieghed jimmalafamah. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-intenzjoni ta’ Sammut hawn mhix cara, hlief ghall-fatt illi sservi ta’ prova li hu gharaf lis-Surgent, tant illi wara t-taqtiegha, anke beda jistieden lill-pulizija biex joqtluh! Oltre dan, jirrizulta li Sammut jidher illi semma lil Amadeo meta gie mrazzan, allura wara t-taqtiegha ma’ Gerada. Ghaldaqstant ma ssibx htija taht dan ir-reat.

Gerada fix-xhieda tieghu kif riprodotta aktar ‘il fuq, qal illi bid-diskors fejn issemma Amadeo, hassu mhedded. Forsi dan is-Surgent hass hekk ghax beza’ li Sammut, konoxxendo l-passat tieghu, kien ser jirreagixxi b’mod vjolenti lejh! Pero terga’ tghid il-Qorti - u hawn minhabba l-addebitu tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi l-intenzjoni ta’ Sammut lanqas ma tirrizulta cara li kienet intiza biex jiddistruggi jew jiddaneggja r-reputazzjoni ta’ Gerada, anke jekk l-istess Surgent seta’ hassu offiz u mhedded, allura tillibera lil Sammut anke minn dan l-addebitu, cioe’ mir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Generoso Sammut gie wkoll akkuzat b’serq aggravat ai temini tal-Artikoli 261(c)(b)(f), 263, 267, 270,. 278, 279 – ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-aggravji tal-ammont, hin u mezz.

Harsa lejn ic-cirkostanzi li nstab fihom l-imputat, fil-fehma ta’ din il-Qorti jippruvaw l-involviment tieghu fis-serq mill-Granny’s Restaurant - il-boroz fil-flus, il-kaxxa tal-float, il-karti msejha chits uzati mill-istess restaurant – rikonoxxuti anke mill-gestaturi tal-istess fond. Tfakkar il-Qorti wkoll il-hin tal-lejl li saret din is-serqa, u l-hin illi nstab l-imputat – circa 4.00am. Fattur iehor illi jkompli jikkonvinci lil din il-Qorti fl-involviment tieghu huwa l-ghodda bhal puntell u lieva, li nstabu fil-vettura tieghu - ghodda li certament huma relatati mas-serq.
Tqis ghalhekk pruvat dan is-serq aggravat bil-hin (lejl), ammont (almenu tminn mitt lira Maltin (Lm800.00), barra l-float money, u mezz (sgass u lievaturi), skont l-Artikoli msemmija.

Dwar il-hin li fiha saret is-serqa mill-Granny’s Restaurant, cioe’ wara li nghalaq bil-lejl l-istess fond u l-hin li nstab l-imputat – vicin l-4.00am, l-Ufficjal Prosekutur anke avvanza t-teorija tar-“*recent possession*”, ferm zviluppata mill-Qrati u guristi Nglizi fl-istudju tar-reat tas-serq.

In ezami ta’ dan, u anke ghax il-Qorti tqis illi dak li ser jigi citat jirrelata mall-fatti ta’ din il-kawza, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Emanuel Seisun u Pius sive Pioi Micallef”, deciza mill-Imhallef Dr Vincent De Gaetano nhar is-26 ta’ Awwissu, 1998.

Il-Qorti hawn qalet, dwar it-teorija msejha “*theory of unlawful possession of recently stolen goods*”,

“*L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ezaminat bir-reqqa kemm il-gurisprudenza lokali u dik Ingliza, kif ukoll diversi awturi Nglizi b’referenza ghat-teorija msemmija fil-paragrafu precedenti. Fil-fehma ta’ din il-Qorti din it-teorija mhi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ippruvati, fis-sens illi meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahidhom iwasslu ragonevolment ghall-konkluzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta’ serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skont ic-cirkostanzi, tar-reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti. Hu risaput illi in tema ta’ law of evidence, kemm-il*

*darba ma jkunx hemm xi disposizzjoni kuntrarja fil-Kodici taghna, il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza, u ma hemm certament xejn x'wiehed jiccensura fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ccitat gurisprudenza u awturi Inglizi. Din il-Qorti wkoll ser tikkwota mill-ahhar edizzjoni ta' Archbold peress illi hi tal-fehma li l-bran li gej jitratta bl-aktar mod konciz u preciz il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:*

"*There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sens) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be also directed: see* ***R. vs Louglin****, 35 Cr. App. R.69;* ***R vs Seymour****, 38 Cr App. R. 68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. v Smythe****, 72. Cr. App. R. 8. C. A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* *Cross on Evidence.**, 5th ed., p. 49 (now 8th ed. p. 35): "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief of else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft of handling, but is has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no*

*explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21 – 125, 21 – 126);*

*U aktar 'il quddiem jinghad:*

*"What constitutes "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case ….in* ***R. v Smythe*** *…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgment said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence" (para. 21 – 320);*"

Fil-kaz in dezamina, kif gia' esprimiet ruhha din il-Qorti, m'ghandhix dubbju dwar ic-cirkostanzi li fihom instab l-imputat; lanqas dwar l-oggetti li kienu fil-pussess tieghu, dejjem u wkoll fl-isfond tal-hin li hu nstab fih!

Ghalhekk hija konvinta mill-htija tas-serq kif gia' suespost, u dan ai termini tal-Artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, u 279, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront tar-reat addebitat taht l-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ftit ghandha xi tghid din il-Qorti, hlief illi dan certament ma jirrizultax ghaliex l-imputat zgur illi mhux ufficjal jew impjegat pubbliku.

Addebitu iehor jaqa' taht l-Artikolu 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa certament, meta l-imputat offra s-somma ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10.000) lill-pulizija, cioe' lil Curmi, biex jitilquh, dan kien qieghed jikkorrompi jew ahjar hekk jipprova lill-ufficjal pubbliku. Pero, dan huwa reat marbut mal-azzjoni tal-ufficjal pubbliku, kif rifless fl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, almenu fl-ewwel sub inciz tieghu. Minn naha l-ohra, l-Artikolu 120(2) jipprospetta sitwazzjoni fejn nonostante li l-ufficjal pubbliku ma jaqax ghal din il-korruzzjoni, l-agent ta' tali thajjir ghandu jinstab hati. Illi anke f'dan ir-rigward, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' li temmen li Sammut offra somma ta' flus lill-pulizija biex jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu darba li gie mrazzan. Tfakkar il-Qorti, illi dan Curmi mhux biss xehdu quddiem din il-Qorti viva voce, pero anke qalu a tempo vergine fi stadju ta' Inkjesta quddeim il-Perit Arkitett (vide folio 37 tar-relazzjoni Dok RA).

L-akkzuat gie wkoll addebitat bir-reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tibda l-Qorti bl-ezami tal-Artikolu 95. Hawn il-Ligi trid it-theddid, l-ingurji jew offizi fuq wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmiru, bil-hsieb illi jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu.

Certament dan ir-reat ghandu elementi kemm oggettivi kif ukoll suggettivi, cioe' l-hsieb illi bih jaghmlu l-agent u l-mod kif jigi percepit mir-ricevitur tal-azzjoni, biex jigi mbezza' jew influwenzat allura Sammut u l-pulziija rispettivament.

Gie pruvat illi Sammut wara t-taqtiegha, indirizza lil Gerada bid-diskors illi huwa kien dak illi qatel lil Amadeo. Beda anke jindirizza liz-zewg pulizija bid-diskors "*Oqtluni! Oqtluni!*" Minn naha tieghu Gerada qal illi b'dan huwa hassu mhedded. Certament Sammut semma lil Amadeo

biex jinfluwixxi fuq Gerada, altrimenti ma kien hemm ebda raguni li semma dan l-incident – dan fl-isfond li hu kien ghadu kif kien qed jissielet ma' Gerada u anke ntuzaw l-armi.
Ghaldaqstant, tqis dan ir-reat bhala pruvat.

L-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa reat li jikkontempla attakk jew rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, dejjem kontra persuna inkarigata minn servizz pubbliku fil-qadi ta' tali servizz. Certament Sammut b'azzjonietu, huwa hati ta' dan ir-reat ghar-ragunijiet gia' ben esposti aktar 'il fuq.

Sammut gie anke addebitat bir-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa hawn, ir-reat principali huwa dak mahsub fl-Artikolu 188 imsemmi. Hawn ir-reat jikkontempla falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura u firem. Jelenka mbaghad dan l-Artikolu kif ghandha ssir tali falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura. Ghalkemm *license disc* hija fil-fehma ta' din il-Qorti "att awtentiku u pubbliku", fit-termini ta' dan ir-reat pero, Sammut ma ghamel ebda falsifikazzjoni jew tibdil f'din – almenu dan qatt ma gie pruvat. L-unika prova li ngabet hija li kien hemm license disc nieqsa minn vettura, li spiccat uzata fil-vettura ta' Sammut.
Ghaldaqstant, din il-Qorti ma ssibx htija taht dan l-Artikolu 183, u ghalhekk lanqas dak marbut mieghu taht l-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib ukoll htija tar-reati kontravenzjonali minhabba l-agir vjolenti fiziku u verbali versu l-pulizija, dan wara li rat l-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hati wkoll ta' dagha ai termini tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Generoso Sammut gie wkoll akkuzat bir-reati kkontemplati taht l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi Generoso Sammut kien qieghed jaghmel uzu minn vettura li kellha l-license disc li ssejjah vettura ohra – dan

bi ksur tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi pero, mix-xhieda ta' Brian Farrugia ma jirrizultax jekk il-licenzja proprja tal-vettura kinitx imhallsa jew le, konsegwentement din il-Qorti lanqas ma taf kinitx koperta b'assigurazzjoni;
Ghaldaqstant, mhix qed issib htija taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat gie akkuzat ukoll taht l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 - illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta.
Mela kif ben jirrizulta, sehhet taqtiegha bejn l-imputat u s-Surgent Gerada ghall-pussess tal-arma tal-istess Surgent. Is-Surgent Gerada dejjem baqa' jsostni li kellu jdejh it-tnejn fil-bidu tal-glieda fuq il-pistola, u biss wara li l-isparatura laqtitu f'idejh li zamm l-arma b'id wahda. Qatt ma gie pruvat illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu wahdu l-arma in kwistjoni.

Gie pruvat pero skont din il-Qorti, kemm ghax hekk xehdu l-pulizija u anke ghax instab dan il-cannister fuq il-post, illi Sammut sprejja pepper spray f'wicc Gerada. Laqghat anke b'dan lil Curmi.

Issa d-definizzjoni ta' arms proper, barra li tinstab fil-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta, insibuha wkoll fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, precizament l-Artikolu 64(1) tal-istess, illi jaqra:

"*64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.*"

Bla dubbju ta' xejn, pepper spray huwa ntiz jew jista' jkun intiz ghal skopijiet offensivi fl-ambitu ta' din id-definizzjoni.

Ghaldaqstant qieghda anke ssib htija ta' dan ir-reat.

Rat ukoll l-addebiti tar-recidiva u s-sentenza ezebita, u tqis illi din giet pruvata ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tillibera lill-imputat mir-reat kontemplat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' dak ta' ricettazzjoni, ghax tqis illi dan gie hekk addebitat bhala wiehed alternattiv ghas-serq.

Generoso Sammut gie anke akkuzat ta' hsara volontarja taht ir-reat skont l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rachel Zammit u anke l-impjegati tar-restaurant misruq Granny's, xehdu dwar shutter elevat u bieb miftuh - allura sgass, u ksur ta' katnazz tal-kaxxa. Dan kollu jidher kemm mill-faxxikolu tar-ritratti gia' msemmi, u minn dak elenkat fir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, li jsemmi bieb tal-aluminium u hgieg illi kellu ghafsiet qrib is-serratura, lsien mghawweg, roller shutter fejn kienet inbidlet is-serratura, kaxxa tal-injam bl-ghatu maqsum.

Illi gialadarba din il-Qorti temmen illi Sammut, l-akkuzat, kien l-awtur (jew ko-attur tas-serq mill-Granny's), kif gia' espremiet ruhha, u anke ghax instabu ghandu l-ghodda tal-lievatura - puntell u lieva, m'ghandha ebda diffikulta' allura biex tasal ghall-konkluzjoni li hu kkaguna l-hsara rizultat ta' din is-serqa, u ghaldaqstant issib ukoll htija taht l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, wara li rat l-Artikoli 41, 216, 218, 221, 96, 95, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 120, 49, 50, 325, 338, u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 – illum il-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu ssib htija fil-konfront tal-istess;
Rat ukoll l-Artikoli 17, 20, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ikkunsidrat il-gravita' tal-azzjoni tal-imputat, mhux biss is-serq, izda aktar u aktar l-attakk li ghamel fuq ufficjal pubbliku - attakk illi frankament u biss ghax giet tajba li ma spiccax b'konsegwenzi aktar serji. L-impatt negattiv li dan ihalli mhux wiehed negligibbli, u dan jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti tahseb fil-piena idonea – ghaldaqstant esposti l-fatti u r-rizultanzi, tqis illi l-piena idonea ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva, u ghaldaqstant tikkundanna lil Generoso Sammut ghal piena karcerarja ta' zmien hames(5) snin.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundanna lil Generoso Sammut ghall-hlas tal-ispejjez peritali kollha ammontanti ghal tliet elef tminn mija wiehed u tmenin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,881.64)

Tilliberah ghar-ragunijiet gia’ esposti mir-reati kkontemplati fl-Artikoli 334, 250, 252, 115, 183, 184, u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------